**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 185/2017 CFF**

**GSD Marketing Limited**

**Vs**

**Kenneth Vella**

**Illum 16 t'Ottubru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors tas-socjeta' attrici** fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' hdax-il elf, mitejn u erbgha u tletin ewro u tmienja u disghin centezmi (€11,234.98) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta skont il-kuntratti tat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello hawn allegat bhala Dok "A", tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-atti nutar Mario Rosario Bonello, hawn allegat bhala Dok "B", u tal-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-atti nutar Mario Rosario Bonello, hawn allegat bhala Dok. "C", liema ammont jirrizulta wkoll mir-rezokonti tal-kontijiet numru "5200752" u "5200840" li gew annessi hawn u mmarkati bhala Dok "D" u Dok "E" rispettivament, u li baqa' ma thallasx minkejja illi gie debitament interpellat.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali numru 2195/2015, u bl-imghax skont il-ligi.

Rat li l-konvenut Kenneth Vella debitament notifikat permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni naqas milli jipprezenta risposta.

**Ikkunsidrat:-**

Jonathan Holland, Assistant Manager fil-Commercial Departament fil-kumpanija GSD Marketing Limited jghid li l-ammont dovut huwa ta' hdax-il elf, mitejn erbgha u tletin ewro u tmienja u disghin centezmu (€11,234.98) u ikkonferma dan bil-gurament tieghu.

Illi stante li l-konvenut Kenneth Vella baqa' ma intavolax risposta f'din il-kawza l-Qorti tqis ix-xhieda ta' Jonathan Holland ghan-nom tas-socjeta' attrici bhala wahda veritjiera u mhux kontradetta.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici GSD Marketing Limited (C3774) u tordna lill-konvenut Kenneth Vella jhallas lill-istess socjeta' l-ammont ta' hdax-il elf, mitejn u erbgha u tletin ewro u tmienja u disghin centezmu (€11,234.98), bl-imghaxx legali li jibda jidekkorri mid-data tal-prezentata tal-kawza u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 2195/2015 kontra l-konvenut Kenneth Vella.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**